

# Id-devozzjoni lejn il-Madonna taċ-Ċintura fil-Kolleġġjata ta' Bormla

Mario Fenech



Fil-Kolleġġjata tal-Immakulata Kunċizzjoni f'Bormla nsibu numru kbir ta' xogħlijiet bit-tema Marjana. Fost dawn l-opri sagri sbieħ hemm ukoll kwadru tal-Madonna taċ-Ċintura. Dan il-kwadru jinsab fuq wieħed mit-tliet artali li hemm fil-kappellum tas-S.S.M.U. Kurċifiss li jinsab f'waħda min-Navi tal-knisja fuq in-naħa tax-xellug int u tħares lejn l-artal maġġur.



Il-kappellun kien ġie mibni bil-ħidma ta' Dun Gianmari Barbara fis-sena 1686. Dan il-kappellun kellu jkun is-Sede tal-Fratellanza tas-S.S.M.U. Kurċifiss li kienet twaqqfet fil-knisja fis-sena 1634.

Meta tlesta x-xogħol tal-bini tiegħu fuq l-artal tan-nofs ġie mqiegħed il-Kurċifiss magħruf bħala "Ta' Kandja" li kien inġieb f'Bormla fis-sena 1669.

L-artal ta' fuq in-naħa tal-lemin ta' dan l-oratorju llum huwa ddedikat lill-Qalb ta' Ġesù. Dan l-artal qabel kien iddedikat lil San Leonardo Konfessur. Meta ġie ddedikat lill-Qalb ta' Ġesù l-kwadru kien ġie mibdi fis-sena 1925 mill-Artist magħruf Ġużeppi Calì li miet qabel ma spiċċah. Għaldaqstant il-kwadru kien tlesta minn ibnu Ramiro.

Nafu li maż-żmien f'din il-Kolleġġjata ta' Bormla bdiet tikber sew id-devozzjoni lejn il-Madonna bit-titlu taċ-Ċintura. Fis-sena 1771 fuq wieħed mill-artali tal-knisja, dak ta' San Kristofru, kienet ġiet imqiegħda statwa żgħira tal-injam tal-Madonna taċ-Ċintura u xi ftit taż-żmien wara tpoġġa kwadru bl-istess suġġett fuq dan l-artal tal-Qalb ta' Ġesù fl-Oratorju tas-S.S.M.U. Kurċifiss.



F'dan is-sotto kwadru hemm il-Madonna bilwieqfa fuq trob ta' sħab abjad bil-Bambin Ġesù wieqaf ħdejha mdawra b'numru t'anġli, qiegħda tagħti s-simbolu tal-Konsolazzjoni lil Santa Monica.

'L isfel, fuq in-naħa l-oħra tax-xena ta' dan il-kwadru hemm ix-xbieha ta' Santu Wistin għarkupptejh filwaqt li qiegħed josserva b'ġabra u devozzjoni dak li qiegħed iseħħ quddiemu.

Anġlu żgħir fin-naħa t'isfel ta' din it-tila jidher qiegħed iżomm il-mitra u l-baklu tiegħu.

Maż-żmien bdiet issir ukoll Festa xierqa lill-Madonna b'dan it-titlu taċ-Ċintura. Kif kienet l-użanza f'dak iż-żmien f'Bormla fejn kienu jgħixu wħud mill-aqwa familji ta' Malta, ċerta Angela Cachia devota tal-Madonna nhar id-19 ta' Ġunju 1771 permezz t'att notarili ħalliet somma flus biex permezz tagħha tkun tista' titkompla ssir il-Festa tal-Madonna taċ-Ċintura f'Bormla.

Din id-data tas-sena 1771 tagħtina ħjiel interessanti ta' kemm tmur lura din id-devozzjoni lejn il-Madonna taċ-Ċintura f'Bormla. Jidher li għalkemm waqt il-Vista Pastorali tal-Isqof Alpheran De Bussan tas-sena 1745 kien għad hemm fuq dan l-artal il-kwadru San Leonardu, id-devozzjoni lejn il-Madonna taċ-Ċintura kienet diġà qiegħda tinfirex sew. Dan għaliex kien biss 26 sena wara li l-benefattriċi Angela Cachia ħalliet dan il-legat biex titkompla ssir il-festa lil Madonna bit-titlu taċ-Ċintura.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.